



Kunsill tal-Unjoni Ewropea  
Segretarjat Ġenerali

Brussell, 13 ta' April 2021

CM 2647/21

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0191(COD)**

---

---

CODEC  
EDUC  
JEUN  
SPORT  
SOC  
RELEX  
RECH  
CADREFIN  
PROCED

### **KOMUNIKAZZJONI**

#### **PROĊEDURA BIL-MIKTUB**

|           |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                            |
|-----------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Kuntatt:  | enea.desideri@consilium.europa.eu /<br>codecision.adoption@consilium.europa.eu                                                                                                                                                                                                                                                                                                             |
| Tel./Fax: | Tel. +32 2 281 7758                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                        |
| Suġġett:  | Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi Erasmus+: il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013<br>– Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill<br>– Eżitu tal-proċedura bil-miktub mibdija bid-dokument CM 2518/21 |

Id-delegazzjonijiet huma infurmati li l-proċedura bil-miktub, mibdija bid-dokument CM 2517/21 tas-6 ta' April 2021 tlestiet fit-13 ta' April 2021 u li d-delegazzjonijiet kollha vvutaw favur l-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari dwar l-abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Erasmus+: il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażaġh u sport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 kif jinsab fid-dokument 14148/20, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill kif tinsab fl-ADD 1 għal dak id-dokument.

Il-maġġoranza kwalifikata meħtieġa ntlaħqet. Għaldaqstant, huma adottati l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari msemmija hawn fuq u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill.

Id-dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-allokazzjonijiet speċifiċi għall-pjattaformi ta' Ċentri ta' eċċellenza vokazzjonali kif tinsab fid-dokument 7327/21 ADD 1 ser tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali<sup>1</sup>.

Id-dikjarazzjonijiet mill-Ungerija, mill-Polonja u mill-Kummissjoni huma riprodotti fl-Anness għal dan is-CM.

Id-dikjarazzjonijiet ta' hawn fuq ser jiġu inklużi fis-sommarju tal-atti adottati bil-proċedura bil-miktub bħala dikjarazzjonijiet li għandhom jiddaħħlu fil-minuti tal-Kunsill, f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill.

-----

---

<sup>1</sup> Serje C

### **Dikjarazzjoni mill-Ungerija**

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. L-Ungerija tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Ungeriża f'konformità mal-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem li huma vinkolanti fuq livell internazzjonali u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" fit-test tar-Regolament bħala referenza għal sess.

### **Dikjarazzjoni mill-Polonja**

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali tal-Polonja f'konformità mat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropa. Għal dawn ir-raġunijiet, f'espressjonijiet li fihom it-terminu "ġeneru", il-Polonja ser tinterpreta f'termini ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel f'konformità mal-Artikolu 8 TFUE.

### **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-allokazzjonijiet speċifiċi għall-pjattaformi taċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali**

Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtorità leġiżlattiva u baġitarja, il-Kummissjoni timpenja ruħha li talloka ammont indikattiv ta' EUR 400 miljun fi prezzijiet attwali biex tappoġġa l-pjattaformi taċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali tul il-programm kollu, dment li l-evalwazzjoni interim tal-programm tikkonferma valutazzjoni pożittiva tar-riżultati tal-azzjoni.